# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 254 :: LULJU, 2017



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĦADD, 23 TA' LULJU, 2017, 2 PM

Il-Kumitat iddeċieda li matul ix-xhur tax-xitwa il-laqgħat se jkunu l-Ħadd wara nofsinhar fis-2 pm. Il-laqgħa li tmiss, se tkun nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-laqgħa. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## FESTIVAL TAL-KTIEB

**L-ewwel ġurnata tal-Festival tal-Ktieb fis-Sajf fl-14 ta' Lulju se tkun fuq it-tema taż-żgħażagħ u l-letteratura. Kemm il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kif ukoll numru ta' pubblikaturi lokali ħejjew attivitajiet ibbażati fuq it-tema magħżula, sabiex janalizzaw aspetti differenti tal-letteratura għaż-żgħażagħ u l-litteriżmu fost iż-żgħażagħ. Fl-ewwel attività kulturali tal-ġurnata, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jippreżenta żewġ awturi magħrufa, Clare Azzopardi u Loranne Vella, li se jaqraw siltiet tax-xogħol tagħhom.**

Grazzi għall-kotba tagħha li kisbu suċċess enormi mat-tfal u l-adulti żgħażagħ, kotba li tipikament jindirizzaw temi rilevanti ħafna bħall-kaċċa, il-midja soċjali u kwistjonijiet tal-familja, isem Clare Azzopardi huwa magħruf sew mal-pubbliku Malti. Il-kittieba, li ġiet rikonoxxuta kemm-il darba għax-xogħol tagħha fil-qasam tal-kitba, taħdem bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fil-Junior College u tikteb kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti. Bħala membru attiv ta' Inizjamed, hija ħadet sehem fl-organizzazzjoni ta' bosta attivitajiet letterarji u *workshops*, ħafna drabi b'kollaborazzjoni mal-Letteratura Across Frontiers. Kienet waħda mill-10 Vuċijiet Ġodda ta' l-Ewropa fl-2016.

Fl-attività msemmija, Azzopardi se tkun qed taqra mill-kotba tagħha *Frejp*, rakkont tat-twissija fuq il-perikli u l-iżvantaġġi tal-użu ħażin tal-internet. Il-każ kważi kollu tal-aħwa De Molizz, ktieb illustrat sabiħ ħafna li jħares lejn ir-relazzjoni iebsa bejn l-istudenti żgħażagħ u l-istruttura amministrattiva tal-iskejjel, liema ktieb ngħata l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2010, u s-serje immensament popolari Jake Cassar, li teżamina temi bħal ansjetà li jġibu l-eżamijiet, ir-rivalità tal-aħwa u l-effett ta' protezzjoni żejda min-naħa tal-ġenituri.

Loranne Vella hija l-iktar magħrufa fost il-qarrejja żgħażagħ għat-triloġija *Il-Fiddien*, li kitbet flimkien ma' Simon Bartolo. It-tliet kotba fit-triloġija - *Sqaq l-Infern, Wied Wirdien u Il-Ġnien tad-Dmugħ* - kisbu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija rispettiva tagħhom. Fl-2016, it-traduzzjoni tagħha ta' *Violeta ta' Abril* Calero rebħet il-Premju Terramaxka fil-kategorija għall-kotba maqluba għall-Malti. Fl-attività msemmija, ser tkun qed taqra minn *Magna (TM) Mater*, rumanz li ħareġ fl-2011 u kien miktub speċifikament għal adulti żgħażagħ. Ir-rumanz jieħu bħala l-isfond tiegħu lil Malta fis-sena 2020, u jittratta aspetti differenti bħall-bidla fil-klima, is-cyberspace, skateboarding u l-ħbiberija. L-istorja ddur ma' Elizabeth, erojina mhux tas-soltu, li trid bilfors issib is-soluzzjoni ta' misteru konness mal-passat tagħha. Fl-istess waqt trid tissielet mas-sentimenti l-ġodda li qed tqanqal fiha r-relazzjoni tagħha mal-ikbar ħabib li għandha. Il-'Magna' fit-titlu tirreferi għall-internet u l-azzjoni fir-rumanz timxi fl-isfond ta' Malta li qed tibda tħoss l-effetti qerrieda ta' bidla fil-klima salvaġġa u inkontrollabbli.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa kburi li jippreżenta dawn iż-żewġ awturi u x-xogħol tagħhom li huwa indikattiv ta' bidla fil-letteratura għat-tfal u żgħażagħ mill-letteratura tradizzjonali tat-tfal li kienet tipikament mimlija *slapstick*, aktar waħda responsabbli u li tinvolvi ruħha b'mod soċjali waqt li tkellem lill-qarrejja żgħażagħ fuq kwistjonijiet serji u ta' tħassib profond.



Loranne Vella



Claire Azzopardi

# IL-LAQGĦA TA' ĠUNJU







**Minflok fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar fis-7.30 pm, il-laqgħa ta' Ġunju din id-darba saret il-Ħadd, 25 ta' Ġunju, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm.**

Il-kumitat iddeċieda li għal dawn ix-xhur tax-xitwa, il-laqgħat isiru l-Ħadd wara nofsinhar flok il-Ġimgħa filgħaxija, kemm minħabba x-xita u l-ksieħ u anke minħabba li ħafna membri tagħna jsibuha bi tqila biex isuqu f'dan l-ambjent u fid-dlam.

Għal din l-ewwel laqgħa ta' wara nofsinhar attendew 10 membri biss. Kien hemm ħafna apoloġiji, jew minħabba l-mard, jew kien hemm min kien NSW, u anke kien hemm min qiegħed fuq btala f'Malta bħalma kienu Ray u Marie Louise Anastasi.

Imma l-laqgħa saret xorta waħda. Sar qari minn Manwel Cassar li qara' xi poeżiji tiegħu u xogħol ta' Dun Karm.

Charles Attard qralna ftit poeżiji umoristiċi mill-ktieb ta' Emmanuel Attard Cassar, filwaqt li George Portelli qralna xogħol ta' Dun Karm u Ružar Briffa.

Wara l-qari kien hemm xi ftit ikel u xorb: kellna varjetà ta' tliet pizzez, imbid aħmar u abjad u xorb minerali, te u kafe`, gallettini u affarijiet oħra.

Fl-aħħarnett, il-PRO, Paul Vella, wriena video ta' serata ta' "Poeżiji mill-Ħamrija dwar il-Patata u l-Poeżija" li nżammet fiċ-Ċentru Pastorali tal-Qrendi, fit-18 ta' Mejju, 2017. Dan kien parti mill-Proġett "Poetry in Potato Bags". Paul irċieva dan il-materjal minn Leanne Ellul u Inizjamed wara talba biex jużah fuq il-programm tiegħu tar-Radju Komunitarju f'Melbourne 3ZZZ. Nirringrazzja lil Leanne Ellul ta' dan il-materjal li ħasbet u organizzat biex tibgħat. Il-membri kollha ħadu gost b'dan il-video.

***Ritratti: (fuq) Preparamenti tal-ikel fil-kċina minn Rosemary Attard u Salvina Vella. (Nofs) il-membri waqt l-ikel. (Ritratt lemin): (fuq wara) Joe Lofaro, Rose Lofaro, Rose Attard, Charles Attard, Josephine Cassar u Paul Vella. (Quddiem) Salvina Vella, George Portelli, Manwel Cassar u Joe Bonett.***

# ANNIVERSARJU TAR-RADJU 3ZZZ

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ġunju, ir-Radju Etniku Komunitarju f'Melbourne, 3ZZZ, organizza attivita` biex jiċċelebra l-ewwel anniversarju fl-użu tal-istudios ġodda fi 309 Albert Street, Brunswick, u fl-istess ħin id-29 sena ta' xandir kontinwu.

Ix-xandara u s-semmiegħa ġew mistiedna biex jattendu għal din iċ-ċelebrazzjoni li nżammet fis-sala kbira tal-istazzjon. Persuni prominenti oħra ġew mistiedna wkoll. MC's kienu Rajdeep u Abdullah.

L-ewwel kelliemi kien il-President, Manmohan S. Shergill li wara li ta merħba lil dawk preżenti tkellem fuq ix-xogħol b'dedikazzjoni li l-istazzjon u x-xandara jagħtu lill-Komunita` fil-Victoria, u permezz tal-internet lis-semmiegħa madwar id-dinja kollha. Wara tkellmet Cr Sue Bolton li kienet qed tirrappreżenta lis-Sindku ta' Moreland. Din faħħret ħafna x-xogħol ta' 3ZZZ, li jagħmel kontinwament. Is-Sur Eddie Micallef, President ta' ECCV, ukoll ġie mistieden biex jitkellem u l-istess, faħħar ħafna x-xogħol siewi li 3ZZZ jaghmel fil-qasam tax-xandir.

Is-Sur Joseph Caputo, Chairperson ta' FECCA, tkellem ukoll u faħħar ħafna x-xogħol siewi ta' 3ZZZ.

Imbagħad kien wasal il-ħin biex jinqasam il-kejk tal-okkażjoni, mill-President ta' 3ZZZ, is-Sur Manmohan S. Shergill, is-Segretarju 3ZZZ, is-Sur George Salloum, u oħrajn.

Wara li s-Sur Joseph Caputo għamel diskors tal-konklużjoni, sar riċeviment fejn kien hemm ħafna ikel u xorb.

Żewġ xandara Maltin, il-Convenor Lewis Stafrace flimkien mall-mara tiegħu Marie, flimkien ma' Paul u Salvina Vella kienu preżenti. Ix-xandar l-ieħor, Mario Sammut, ma setax jattendi.



Għadd ta' semmiegħa tal-programmi Maltin attendew ukoll: Rosemary u Charles Attard, Iris Sapiano, Joe Bonett, u l-familja Belli: Miriam, Patricia, Victor u Alfred.

Dawn kollha ħadu gost minħabba li saru jafu kif u minn fejn jixxandru l-programmi Maltin. Naħseb li l-Grupp Malti kien il-Grupp li kellu l-akbar numru li attendew.

Hemm tliet programmi Maltin fuq 3ZZZ. It-Tnejn (Lewis Stafrace) 5 pm; il-Ġimgħa (Paul Vella) 5 pm; u s-Sibt (Sibt minnhom ma' Mario Sammut u s-Sibt ta' wara "Inservik" ma ' Lewis Stafrace, Mario Sammut u Paul Vella) 10 am.

Il-programmi Maltin huma ferm popolari mas-semmiegħa mhux biss tal-Victoria, imma minn madwar id-dinja. Xhieda ta' dan hu n-numru kbir ta' emails u SMS li nirċievu kull ġimgħa fejn jgħidulna kemm jieħdu gost bil-programmi u jfaħħruhom, speċjalment kemm tjiebet il-kwalita` tal-programmi u kemm saru interessanti f'dawn l-aħħar xhur. ***Jekk tridu link tal-programmi iktbuli paul.vella44@gmail.com tisma' x'ħin trid***

# L-AĦĦAR TLIET RUMANZI TA' LINA BROCKDORFF



**Ftit tal-jiem ilu, il-pubblikaturi Horizons, fil-Hotel Meridien, nedew tliet rumanzi ta' Lina Brockdorff. Dawn huma 'L Barra mill-Isqaq - Dwett għal żewġ Vjolini – Taħt is-Swar tal-Imdina.**

Bħar-rumanzi ta' qabilhom li ħarġu mill-pinna ta' Brockdorff, dawn huma miktubin fi stil mexxej u li ma jħallukx titlaq il-ktieb minn idejk ladarba tkun bdejtu. Fl-istess ħin mhemm xejn esaġerat f'dawn ir-rakkonti, minsuġin mill-ħajja ta' kuljum ta' kull wieħed u waħda minna. Kollha kemm huma għandhom l-isfond tagħhom f'Malta u l-Maltin.




# SETT SĦIĦ TA' "IL-POLZ"



Is-Sur Victor Fenech jgħaddi sett sħiħ ta' Il-Polz - l-organu tal-Moviment Qawmien Letterarju - għal-librerija tal-Akkademja tal-Malti li tinsab f'Dar Doreen Micallef, il-Belt. Is-Sur Victor Fenech kellu sehem importanti fil-ħruġ ta' din ir-rivista kif ukoll fil-pubblikazzjoni tar-rivista Sagħtar għall-istudenti tal-iskola li wkoll taf il-bidu tagħha mill-Moviment Qawmien Letterarju u tkompliet mill-MUT. Fir-ritratt jidhru s-Sinjuri Achille Mizzi, Victor Fenech, Joe Borg (Segretarju) u Dr Olvin Vella (President). Il-preżentazzjoni saret fl-aħħar laqgħa tal-kunsill għas-snin 2015-2017, nhar is-26 ta' Ġunju 2017.

Sessjoni ta' Qari fil-Festival tal-Ktieb ġewwa Għawdex

# Konkors Letterarju - Kitba għaż-Żgħażagħ

Il-Konkors Letterarju - Kitba għaż-Żgħażagħ, imtella' kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ, jitlob lill-awturi jipproduċu rumanzi oriġinali ta' bejn 20,000 u 25,000 kelma li jesploraw temi relatati mal-esperjenzi u l-għażliet li adulti żgħażagħ jiffaċċjaw f'dan l-istadju ta' ħajjithom. L-aġġudikazzjoni tal-premju hija ddeterminata minn ġurija li tipikament tinkludi awturi stabbiliti sew u kritiċi letterarji. Kemm il-Konkors kif ukoll ir-rebbieħa ċertament jixirqilhom aktar attenzjoni mill-midja u mill-pubbliku milli normalment jiksbu.

Din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni li l-ewwel ġurnata tal-Festival tal-Ktieb fis-Sajf, fl-14 ta' Lulju, tkun iddedikata għaż-żgħażagħ u l-letteratura. Bosta rebbieħa ta' edizzjonijiet imgħoddija tal-Konkors se jipparteċipaw matul dan il-jum billi jaqraw siltiet mill-kotba rebbieħa tagħhom u jitkellmu mal-pubbliku fuq diversi temi relatati ma' dan il-ġeneru partikolari u, b'mod aktar ġenerali, dwar il-litteriżmu u l-qari fost iż-żgħażagħ.

Rebbieħa tal-konkors li se tidher f'avveniment organizzat mill-NBC u Faraxa (Sessjonijiet ta' Qari minn Awturi Diversi, 11:20) hija Rita Saliba, li rebħet il-premju fl-2015 b'xogħol letterarju kbir, Il-Kulur Tal-Lellux. Hija storja li tmiss il-qalb kif ukoll storja qalila fl-esplorazzjoni tagħha tat-temi ta' ommijiet waħedhom, il-mewt ta' qraba, suwiċidju, it-trawwim tat-tfal u l-ħarba mir-realtà, filwaqt li tevita dik l-ispeċi ta' apatija fatalistika li għandha ħabta tikkaratterizza letteratura ta' dan it-tip bħal In Search of Adam ta' Caroline Smailes.

L-istorja ddur ma' Amber, tifla mrobbija minn omm waħedha f'żona residenzjali mitluqa. Id-deskrizzjoni tal-post tfakkrek mal-ewwel f'ċerti lokalitajiet il-Ħamrun, il-Marsa jew il-Qajjenza. Huwa ambjent iebes li ma jidherx li jagħti ħafna lok għall-ħolm u l-fantażija. Iżda mandankollu l-omm u t-tifla joħolmu. Joħolmu ħolm ta' intensità kbira. Jilagħbu logħba fejn jimmaġinaw għadd ta' għelieqi kemm jagħtuk għajnejk ta' lellux - l-istess kulur bħall-għajn stramba ta' Amber (każ ta' heterochromia totali), lewn li Amber issostni li qatt ma setgħet tiddeskrivi. Il-qawwa tal-ħolm, madankollu, tinvolvi kompromess li l-kittieba tanalizza b'mod intelliġenti ħafna tul ir-rumanz kollu.

Għadd ta' kittieba oħra se jidhru matul is-sessjoni ta' qari. Toni Aquilina se jaqra siltiet mill-aħħar pubblikazzjoni tiegħu Il-Ġgant id-Dħuli, traduzzjoni għall-Malti ta' The Friendly Giant ta' Gladys Masters. Din il-parabbola dwar l-inklużjoni soċjali tgħallem lit-tfal l-importanza li jilħqu lil dawk li jżommu 'l bogħod minna minħabba xi preġudizzju. Aktar importanti, il-ħrafa tenfasizza l-ħtieġa għal sospensjoni reċiproka ta' nuqqas ta' fiduċja - il-ġgant jieħu l-ewwel pass biex jilħaq lill-ġirien tiegħu. Ma tantx hemm bżonn li tiġi enfasizzata l-importanza tematika ta' dan il-kunċett għax-xenarju soċjali attwali tagħna, minkejja l-fatt li Gladys Masters kitbet l-istorja fl-1943! It-traduttur verament jistħoqqlu tifħir talli għaraf ir-rilevanza ta' dan ix-xogħol letterarju għas-soċjetà tagħna.

Iż-żewġ awturi l-oħra li se jippreżentaw ix-xogħol tagħhom u jaqraw siltiet għall-pubbliku, it-tnejn kemm huma awturi bbażati f'Għawdex: Sarah Springham bit-triloġija divertenti the Cat Detectives of Gozo u Graham Bayes, li se jaqra mill-kotba tiegħu The Gold Knitting Needles, The Adventures of Joe Fenek u Octavius Moves House.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u Faraxa jistiednu liż-żgħażagħ u l-familji biex jattendu din is-sessjoni ta' qari u jkollhom l-opportunità li jitkellmu mal-kittieba, isiru jafuhom u jixtru l-kotba, li kollha se jkunu għall-bejgħ matul il-Festival.

## Il-buffu

Il-bieraħ rajt iżiġġ sponsun fil-qiegħ
u kaħlija ttir fil-għoli taħt ir-riħ,
kien hemm bidwi bl-ingravata ftit baħnan
tin iqaċċat ħajt iġarraf tas-sejjieħ,
kien hemm xiħa kollha diqa
fuq sellum tqaxxar tiġieġa,
kien hemm tifel wara tieqa
jara 'l ommu minn ġol-ħġieġa
kollha mħabba fuq is-saqqu,
jisma' 'l ommu qiegħda tingħi
quddiem buffu jikxef żaqqu
tgħidlu, ejja, ejja buffu nagħmlek tiegħi.

U il-buffu jaqla' jdejh
imċarrtin u kollha demm
li sammrulu in-nies ħżiena,
ix-xewk jislet waħda waħda
minn sponsun iżiġġ fil-qiegħ
u kaħlija ttir fir-riħ,
minn moħħ bidwi ftit baħnan
jibqa' jifli xewka xewka,
u mix-xiħa bit-tiġieġa,
minn fuq tifel wara ħġieġa,
minn ras ommu fuq is-saqqu,
u jwaħħalhom dan il-buffu
xewka xewka
ma' kuruna ddur ma' rasu.

***Paul P. Borg***

## QED TPERPER ĦAFIFA

Qed tperper ħafifa
maż-żiffa tal-ħarifa
l-emblema tal-ġens
li wera qlubija mal-qawwa
tal-għedewwa,
li wera bżulija biex mexa
'l quddiem sewwa
fil-ġirja ta' ksib il-ħelsien
mill-irbit u mix-xkiel tal-barrani.
Qed tperper, titmewweġ
ma' kull żiffa li tfewweġ,
l-emblema ta' dawk li mkabbrin,
jistqarru li huma Maltin,
imqar jekk qed jgħixu fuq
l-art tal-għarib,
ilsien art twelidhom jibqa'
dejjem ħabib.
Qed tperper rebbieħa
l-emblema li ġieħa
ma tgħabbar qatt, minn ħadd.
U għadha setgħana
fuq is-swar u d-djar tagħna
iġġib ir-rispett ta' kulħadd.

***Charles Mifsud.***

Għarib = barrani
Tgħabbar = tmiegħek.

## POEŻIJA TA'MĦABBA

Kliemek, għalija,
hu poeżija ta' mħabba
maħżuża b'Demm imsawwab,
fuq ruħi niedma.
Il-ħarsa t'għajnejk,
inħossha tgħawwar f'qalbi,
tferini bil-ħlewwa,
ddewwini bit-tama.
Imħabbtek, għalija,
hi dawl li se jwassalni,
f'mergħa li tnixxi bla heda,
ħalib u għasel.

***Charles Mifsud.***

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Hi Paul, Grazzi ħafna tal-folju.
Qatt ma bsart li kont ser nara ismi fuqu.
Bħalma dejjem għidtlek, il-folju naqrah minn "qoxra s'oħra" u ma nħallix kelma waħda barra.
Vera folju mirqum u li jagħmel unur mhux biss lil min jaqrah u lil min jikkontribwixxi għal dan is-suċċess iżda unur ukoll lilek u lil kontributuri l-oħrajn kollha.
Ta' spiss nifli r-ritratti li jkun fih u nġedded il-memorji tiegħi (u ta' marti) dwar dawk is-sitt xhur li għamilna f'Melbourne: kienu sitt xhur li matulhom għexna l-ħajja tagħkom, magħkom.
F'dawk is-sitt xhur stajna ngawdu il ħafna veduti sbieħ li kollha għadhom miġburin f'album tar-ritratti apposta għal dik il-mawra.
Grazzi mill-qalb u sellielna għal sħabna, l-membri tar-RESKEON, speċjalment għall-Presidenta.
Grazzi u Awguri likom ilkoll.

***Tancred Mizzi, Malta.***

Grazzi Paul tal-Folju.
Nieħu gost ħafna nara r-ritratti tagħkom, l-iktar ta' Manwel Cassar li issa ili ma narah ħafna. Hawn fil-klassi spiss niddiskutu waħda mill-poeżiji tiegħu, KARNIVAL U KARNIVAL.
Tislijiet lilkom ilkoll,

***Patrick Sammut***

Għażiż Paul, Prosit mill-ġdid għall-Folju ta' Ġunju. Bħas-soltu mimli aħbarijiet dwar il-Maltin u l-ilsien tagħna. Tislijiet lilek u lil Salvina u lill-qarrejja kollha tal-Folju.

***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Irċevejt il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria (Ġunju 2017) u b'wiċċi minn quddiem ngħidlek prosit għax fi ftit paġni hemm kontenut strutturat tajjeb ta' letteratura, aħbarijiet letterarji Maltin-Awstraljani, kummenti, interpretazzjonijiet, intervisti, kritika u analiżi. Folju, li l-appuntament miegħu sirt nistennih b'ħerqa u ħeġġa kbira. Niżżikħajr Paul. B'imħabba,

***Mario Griscti***

Hello Paul, Waqt li nsellimlek, nixtieq inroddlok ħajr li għoġbok tibgħatli dan il-folju tal-aħbarijiet, li int, b'tant dedikazzjoni u paċenzja tħejji għall-benefiċċju ta' ħutna Maltin ġewwa l-Awstralja. Minn barra s-siwi letterarju tiegħu, dan il-folju qed iżomm ħaj il-ħoss tal-Ilsien tagħna fost il-ħafna Maltin li jogħġobhom jaqrawh. Mhux biss, imma anke qed iservi ta' katina bejna li bqajna hawn u bejnkom li għażiltu li ssibu futur bogħod mill-art li tagħtna isimha. Prosit Paul. "Keep it up". Tħajjart ukoll nibgħatlek din il-poeżija dwar il-bandiera għażiża tagħna biex jekk tgħoġbok tkun tista' tippubblikaha ukoll.
Paul inselli għalik u għall-Maltin kollha.

***Charles Mifsud***

Grazzi ħafna, Paul, u Prosit. Il-livell tal-Folju dejjem jogħla!. Tislijiet,

***Rena Balzan***

X'hemm Paul, Qatt ma nsib kliem biex ngħidlek kemm nifraħ nara l-folju li jasalli mingħandek. Dejjem inqisu hekk mimli tifsir meta niftakar li qiegħed jittella' minn Maltin bħalna daqstant mili bogħod minn xtut Art Twelidhom. Ħaqqkom kull tifħir u ħajr talli bil-ħidma tagħkom qed tkomplu turu kemm il-Malti hu dik il-kolla li tgħaqqad lilna l-Maltin mhux biss hawn Malta fuq din il-qoxra li hi hekk sagra għalina lkoll, imma wkoll ma' Maltin oħrajn li jgħixu eluf ta' mili minn pajjiżhom. Kull meta niltaqgħu u nsemmukom, kliem sabiħ biss insibu xi ngħidu! Kburi bil-fuljett tagħkom. Din hi l-funzjoni tal-ilsien tagħna li jagħtina din l-identità Maltija li intom qegħdin isseddqu hekk tajjeb. U fuq kollox bil-qalb. Ħadt gost l-aktar naqra l-aħbarijiet dwar dak li qiegħed iseħħ hemmhekk. Awguri għal-laqgħa mużiko letterarja li sa ttellgħu. Sa nażżarda nibgħatlek poeżija biex tużaha kif jidhirlek inti jekk ikollok spazju u jekk ikollok ħin taqraha. Ħajr mill-ġdid.

***Paul P. Borg***

## IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĦADD, 23 TA' LULJU, 2017, 2 PM

Il-Kumitat iddeċieda li matul ix-xhur tax-xitwa il-laqgħat se jkunu l-Ħadd wara nofsinhar fis-2 pm. Il-laqgħa li tmiss, se tkun nhar il-Ħadd, 23 ta' Lulju, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-laqgħa. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

# MINN FOMM IL-KITTIEB – *IT-TIENI VOLUM*



### *Ktieb ġdid ta' Patrick Sammut*

Għadu kemm ħareġ ktieb ġdid ta' Patrick Sammut, MINN FOMM IL-KITTIEB – IT-TIENI VOLUM – INTERVISTI MA' GĦADD TA' KITTIEBA U POETI MIX-XENA LOKALI, Pubblikazzjoni Horizons, 2017. Mela issa s-sett huwa komplut wara li fl-2014 kien ħareġ l-ewwel volum. F'dawn iż-żewġ volumi l-qarrej jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' 104 (52+52) kittieba u poeti Maltin, parti kbira minnhom għad-hom jiktbu fil-preżent.

Kif bdew jiktbu? Fejn għexu fl-imgħoddi, x'jiftakru minn dan, x'ħalla l-ikbar marka fuqhom, u fejn jgħixu llum? Min huma dawk il-kittieba li qed jiktbu lil hinn minn xtutna? Liema huma l-ħwejjeġ li jispirawhom biex jiktbu? X'jagħmlu bħala xogħol u kif jgħaddu l-ħin ħieles tagħhom? X'jaħsbu dwar kwistjonijiet kontemporanji partikolari? L-intervistatur fi djalogu informali mal-intervistat jikxef dan kollu. L-intervistatur wiċċ imb wiċċ ma' kittieba stabbiliti u oħrajn inqas magħrufin, kittieba żgħażagħ, oħrajn li m'għadhomx magħna.

Il-kittieba u poeti intervistati fl-ewwel volum huma: Pawlu Aquilina, Anton F. Attard, Joe M. Attard, Mario Attard, Emmanuel Attard Cassar, Joe Axiaq, Carmel Azzopardi, Mario Azzopardi, Jonathan Balzan, Rena Balzan, Joe Bartolo, Charles Bezzina, Ġorġ Borg, Paul P. Borg, Roderick Bovingdon, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Rev. Mons. Amante Buontempo, Amanda Busuttil, Stephen Cachia, Joe Camilleri, Peter A. Caruana, Charles Casha, Manuel Casha, Manwel Cassar, Carmel G. Cauchi, Ġużè Chetcuti, Fr Paul Chetcuti S.J., Fr Anthony Chircop O.F.M., Ġanninu Cremona, Ileana Curmi dwar missierha Giovanni Curmi, Tony C. Cutajar, Charles Dalli, Lou Drofenik, Godwin Ellul, Leanne Ellul, Noel Fabri, Anthony Farrugia, Stefano Farrugia, Victor Fenech, Charles Flores, Joe Friggieri, Oliver Friggieri, Francis Galea, Anton Grasso, Alfred Grech, Lino Grech, Raymond Grech, Sergio Grech, Maria Grech Ganado, Adrian Grima u Mario Griscti.




Il-kittieba u poeti intervistati fit-tieni volum huma: Ġino Lombardi, Charles Magro, Carmel Mallia, John Mallia, Alfred Massa, Pierre J. Mejlak, George Mercieca, Charles Mifsud, Immanuel Mifsud, Maurice Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Mark Montebello, Walid Nabhan, Therese Pace, Alfred Palma, Vincenzo Maria Pellegrini, Ġorġ Peresso, Yana Psaila, George Said-Zammit, Joe Saliba, Marlene Saliba, Paul Saliba, Rita Saliba, Anton Sammut, Frans Sammut, Mark A. Sammut, Salv Sammut, Victor Sammut, Alfred Sant, Vanni Sant, Carmel Scicluna, Andrew Sciberras, Anselm Sciberras, Joseph C. Sciberras, Joseph Sciberras, Lillian Sciberras, Omar Seguna, Charles B. Spiteri, Hilary Spiteri, Lino Spiteri, Edmund Teuma, Joseph P. Vella, Kenneth Vella, Mark Vella, Kelinu Vella Haber, Paul Zahra, Trevor Żahra, Frank Zammit, Marcel Zammit Marmarà, Joe Zammit Tabona, Tarċisju Zarb, Nazzarenu Zerafa.




MINN FOMM IL-KITTIEB – L-EWWEL VOLUM – INTERVISTI MA' GĦADD TA' KITTIEBA U POETI MIX-XENA LOKALI (313-il paġna, jinbiegħ 13-il ewro) għandu daħla mill-pinna ta' Tarcisio Zarb, filwaqt li MINN FOMM IL-KITTIEB – IT-TIENI VOLUM – INTERVISTI MA' GĦADD TA' KITTIEBA U POETI MIX-XENA LOKALI (370 paġna, jin-biegħ 20 ewro) għandu daħla mill-pinna tal-Prof. Charles Briffa. Iż-żewġ volumi jinkludu fihom ritratti ta' għadd ta' poeżiji miktubin bl-id minn numru ta' kittieba intervistati.

Ħajr lit team kollu tad-dar tal-pubblikazzjoni Horizons.